TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 436/10

**Miriam Abela**
**vs**
**Queen's Dry Cleaners**

Illum 27 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' mija u tletin ewro (€130), rappreżentanti prezz ta' *suit* tar-raġel tagħha li meta ġiet ikkonsenjata lura lilha, ndunat li ma kinitx l-istess waħda tar-raġel.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ħadet is-*suit* tar-raġel tagħha għal *dry cleaning* għand id-ditta intimata u meta kienet se tużaha, ftit jiem wara li ġiet ikkonsenjata lura lilha, ndunat li ma kinitx l-istess *suit* li kienet ħadet għal *dry cleaning*.

L-intimat issottometta illi l-kulur tas-*suit* jaqbel, il-qies jaqbel, illi mas-*suit* kellha ingravata li kienet immarkata bl-istess numru ta' l-*invoice* li kellha s-*suit* u li ma jaqbilx kienet allegatament l-inforra.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, iffaċċjat b'dan il-kunflitt, qed jagħti iktar piż lix-xhieda tal-intimat, stante li l-ġakketta tas-*suit* hija ta' qies tajjeb għar-raġel tar-rikorrenti u li l-probabilta' hija impossibli li f'dik il-ġurnata daħlet ġakketta bl-istess kulur u bl-istess daqs, u li kull ma kien hemm differenti kienet l-inforra.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, b'dan illi r-rikorrenti tiġbor lura s-*suit* in kwistjoni mingħand is-soċjeta' intimata, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888